# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.7

**Kap 5: Ġesù jitwieled bħalna**

**Lezzjoni 5.7: Ġesù jitwieled bħalna**

**L-Għanijiet:**




It-tfal se:

1. Jiddiskutu kif ser jilqgħu lil Ġesu f'dan il-Milied.
2. Jifhmu kif ser jagħmlu biex lil Ġesù jitwieled f'qalbhom.

**Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Vidjow klip ta' eżempji ta' ħbieb jgħinu lil xulxin
- Vidjow klip tal-kanzunetta 'Love one another'
- Karta ta' Taħriġ: 5.6.



**Naqsmu flimkien – L-ntroduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'qegħdin jagħmlu biex jippreparaw għall-festa tat-twelid ta' Ġesù Bambin. Xi eżempji huma xiri ta' rigali, tiżjin fid-dar, tisjir ta' kejkijiet eċċ.
- Staqsi lit-tfal x'qegħdin jagħmlu biex dan il-Milied Ġesù Bambin jitwieled f'qalbhom. Oħloq diskussjoni żgħira billi tistaqsi:
    - Ġesù x'jixtieq mingħandna dan il-Milied?
    - Biex jieħu gost l-aktar Ġesù?



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri lit-tfal il-vidjow klip ta' *Patrick and Friends.* Wara staqsi lit-tfal jekk qattx kienu f'xi sitwazzjonijiet simili fejn ġew bżonn l-għajnuna jew fejn taw l-għajnuna lil xi ħadd. Oħloq diskussjoni dwar dan u staqsi kif ħassewhom wara li taw u/jew irċevew l-għajnuna?
- Staqsi wkoll jekk qattx kienu parti minn grupp u taw l-għajnuna lil xi ħadd bħall-aħħar każ tal-vidjow klip. Kif ħassewhom f'dan il-każ?
- Issa ffoka fuq Ġesù. Staqsi:
    - Ġesù kif iħossu meta aħna ngħinu lil xi ħadd?
    - U kif iħossu Ġesù meta ningħaqdu bħala grupp u ngħinu lil ħaddieħor? (eż L-Istrina)

- Spjega li kull meta aħna nagħmlu l-ġid ma' xi ħadd inkunu qisna qed nagħmlu l-ġid ma' Ġesù u allura ovvjament Ġesù żgur li se jħossu ferħan. B'dan il-mod inkunu qed nilqgħu lil Ġesù u Ġesù jkun qed jitwieled f'qalbna.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.6 .
- Ħalliehom iħarsu lejn l-istampi u iddiskuti kull stampa magħhom.
- Oħroġ minn kull stampa x'qed isir u kif dawn qed iħallu lil Ġesù jitwieled f'qalbhom.
- Stieden lit-tfal jaħsbu f'xi ħaġa li kull waħda/wieħed minnhom jistgħu jagħmlu biex Ġesù jitwieled f'qalbhom.
- Iddiskutu l-Attività Sam u Tara u oħroġ il-fatt tal-importanza li nagħtu minn dak li naqilgħu milli qlajna.
- Oħloq rabta mal-lezzjoni li jmiss. Staqsi:
    - Taħsbu li dawn l-affarijiet jiġru biss f'Malta?
    - X'jagħmlu pajjiżi oħra biex jilqgħu lil Ġesu' fil-Milied?
      Kif jiċċelebraw din il-festa?



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Meta tkun qed tagħmel il-ġid ma' xi ħadd tkun qisek qed tagħmlu ma' Ġesù.
2. Ġesù jieħu ħafna gost meta aħna nuru l-imħabba tagħna lejn xulxin u ngħinu fejn ikun hemm bżonn.
3. Meta aħna nagħtu l-għajnuna nħossuna ferħanin daqs li kieku qlajna xi rigal.



**Nagħżlu flimkien (L-atitudni)**

1. Dan il-Milied it-tfal jippreparaw biex jilqgħu lil Ġesù f'qalbhom.
2. Dan il-Milied jaħsbu kif ser jgħinu lill-oħrajn b'imħabba u b'ġenerożità.
3. Dan il-Milied jingħaqad ma' sħabhom biex iferrħu lil ħaddieħor.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta 'Love one another' u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



**Nitolbu**

O Ġesù, għinni biex dan il-Milied inkun aktar ġeneruż u nferraħ lil ħaddieħor.

